

EBA/GL/2016/06

13/12/2016

Linji Gwida

dwar politiki u prattiki ta'
remunerazzjoni relatati mal-bejgħ u l-
provvista ta' prodotti u servizzi bankarji
għall-konsumatur

1. Obbligi ta' konformità u ta' rapportar

Status ta' dawn il-linji gwida

1. Dan id-dokument jinkludi linji gwida maħruġin skont l-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010¹. Skont l-Artikolu 16(3) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, l-awtoritajiet kompetenti u l-istituzzjonijiet finanzjarji għandhom jagħmlu kull sforz possibbli biex jikkonformaw mal-linji gwida.
2. Il-linji gwida jipprovdu l-fehma tal-EBA dwar prattiki superviżorji xierqa fis-Sistema Ewropea ta' Superviżjoni Finanzjarja jew dwar kif il-liġi tal-Unjoni għandha tiġi applikata f'qasam partikolari. L-awtoritajiet kompetenti kif iddefiniti fl-Artikolu 4(2) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 li għalihom japplikaw il-linji gwida għandhom jikkonformaw billi jinkorporawhom fil-prattiki superviżorji tagħhom kif xieraq (eż. billi jemendaw il-qafas legali tagħhom jew il-proċessi superviżorji tagħhom), inkluż fejn il-linji gwida huma diretti primarjament lejn l-istituzzjonijiet.

Rekwiżiti ta' rapportar

3. B'konformità mal-Artikolu 16(3) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, l-awtoritajiet kompetenti jridu jinnotifikaw lill-EBA dwar jekk jikkonformawx jew jekk hux beħsiebhom jikkonformaw ma' dawn il-linji gwida, jew inkella bir-raġunijiet għan-nuqqas ta' konformità, sa 13/02/2017. Fin-nuqqas ta' kwalunkwe notifika sa din l-iskadenza, l-awtoritajiet kompetenti jitqiesu mill-EBA li mhumiex konformi. In-notifiki għandhom jintbagħtu billi tiġi sottomessa l-formola disponibbli fuq is-sit web tal-ABE lil compliance@eba.europa.eu bir-referenza 'EBA/GL/2016/06'. In-notifiki għandhom jiġu sottomessi minn persuni b'awtorità xierqa li jirrapportaw f'isem l-awtoritajiet kompetenti tagħhom. Kwalunkwe bidla fl-istat ta' konformità għandha tiġi rrapportata wkoll lill-EBA.
4. In-notifiki ser jiġu ppubblikati fuq is-sit web tal-EBA, f'konformità mal-Artikolu 16(3).

¹ Ir-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/78/KE, (ĠU L 331, 15.12.2010, p.12).

2. Is-suġġett, il-kamp ta' applikazzjoni u definizzjonijiet

Is-suġġett u l-kamp ta' applikazzjoni

5. Dawn il-Linji Gwida jispeċifikaw ir-rekwiżiti għat-tfassil u l-implimentazzjoni tal-politiki u l-prattiki ta' remunerazzjoni, fir-rigward tal-offerta jew il-provvista ta' prodotti u servizzi bankarji lill-konsumaturi mill-istituzzjonijiet kif definiti fil-paragrafu 17, bil-għan li l-konsumaturi jiġu protetti minn detriment mhux mixtieq li jirriżulta mir-remunerazzjoni tal-persunal responsabbli mill-bejgħ.
6. Dawn il-Linji Gwida jipprovdu dettalji dwar kif l-istituzzjonijiet finanzjarji għandhom jimplementaw id-dispożizzjonijiet speċifiċi stabbiliti fid-Direttivi tal-UE applikabbli, bħal mhuma (i) l-Artikoli 74(3) u 75(2) tad-Direttiva 2013/36/UE², li jaġħtu l-mandat lill-EBA biex tiżviluppa Linji Gwida dwar arranġamenti ta' governanza tal-istituzzjonijiet tal-kreditu, inkluż politiki u Prattiki ta' remunerazzjoni, (ii) l-Artikolu 7(2) tad-Direttiva 2014/17/UE³, li jeħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li l-mod li bih il-kredituri u l-intermedjarji tal-kreditu jħallsu lill-persunal tagħhom, ma jwaqqafhomx milli jaġixxu b'mod onest, ġust, trasparenti u professjonali, filwaqt li jitqiesu d-drittijiet u l-interessi tal-konsumaturi, u (iii) l-Artikoli 11(4) tad-Direttiva (UE) 2015/2366⁴ u 3(1) tad-Direttiva 2009/110/KE⁵, li jeħtieġu lill-istituzzjonijiet ta' pagament u lill-istituzzjonijiet ta' flus elettroniċi rispettivament, sabiex ikollhom fis-seħħ arranġamenti ta' governanza soda, sal-estent li jirreletaw mal-politiki u l-prattiki ta' remunerazzjoni.
7. Dawn il-Linji Gwida ma jkoprox ir-remunerazzjoni mħallsa mill-istituzzjonijiet lill-intermedjarji ta' kreditu (ta' spiss imsejħa wkoll "kummissjonijiet") u huma mingħajr preġudizzju għar-regoli ta' remunerazzjoni stabbiliti skont id-Direttiva 2014/17/UE⁶ u b'mod partikolari skont l-Artikolu 7(2) ta' dik id-Direttiva, li jeħtieġ li, meta l-kredituri jħallsu lill-intermedjarji tal-

² Id-Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar l-aċċess għall-attività tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u s-superviżjoni prudenzjali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u tad-ditti tal-investment, li temenda d-Direttiva 2002/87/KE u li tħassar id-Direttivi 2006/48/KE u 2006/49/KE.

³ Id-Direttiva 2014/17/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Frar 2014 dwar kuntratti ta' kreditu għall-konsumatur marbutin ma' proprjetà immobbli residenzjali u li temenda d-Direttivi 2008/48/KE u 2013/36/UE u r-Regolament (UE) Nru 1093/2010 (ĠU L 60, 28.2.2014, p. 34).

⁴ Id-Direttiva (UE) 2015/2366 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2015 dwar is-servizzi ta' pagament fis-suq intern, li temenda d-Direttivi 2002/65/KE, 2009/110/KE u 2013/36/UE u r-Regolament (UE) Nru 1093/2010, u li tħassar id-Direttiva 2007/64/KE (ĠU L 337, 23.12.2015, p. 35).

⁵ Id-Direttiva 2009/110/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 dwar il-bidu, l-eżerċizzju u s-superviżjoni prudenzjali tan-negozju tal-istituzzjonijiet tal-flus elettroniċi li temenda d-Direttivi 2005/60/KE u 2006/48/KE u li tħassar id-Direttiva 2000/46/KE (ĠU L 267, 10.10.2009, p. 7).

⁶ Id-Direttiva 2014/17/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Frar 2014 dwar kuntratti ta' kreditu għall-konsumatur marbutin ma' proprjetà immobbli residenzjali u li temenda d-Direttivi 2008/48/KE u 2013/36/UE u r-Regolament (UE) Nru 1093/2010 (ĠU L 60, 28.2.2014, p. 34).

- kreditu, dawn għandhom jaqgħmlu dan b'mod li ma jwaqqafx lill-kreditur, lill-intermedjajru tal-kreditu jew lir-rappreżentant maħtur milli jaqgħxi b'mod onest, ġust, trasparenti u professjonali, filwaqt li jitqiesu d-drittijiet u l-interessi tal-konsumaturi.
8. Il-prodotti u s-servizzi bankarji rilevanti huma daww li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-atti leġislattivi skont liema l-istituzzjonijiet huma awtorizzati jew ammessi biex iwettqu l-attivitajiet tagħhom kif definiti fil-paragrafu 17.
 9. Dawn il-Linji Gwida huma wkoll mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni ta' rekwiżiti aktar stretti speċifikati fil-leġislazzjoni settorali applikabbli, u b'mod partikolari skont l-Artikolu 7(4) tad-Direttiva 2014/17/UE, fir-rigward tal-provvista ta' servizzi ta' konsulenza dwar il-ftehimiet ta' kreditu kif definiti fl-Artikolu 4(21) ta' dik Direttiva.
 10. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jixtiequ li jikkunsidraw l-applikazzjoni ta' dawn il-Linji Gwida anki għal entitajiet minbarra istituzzjonijiet kif definiti fil-paragrafu 17, b'mod partikolari għal:
 - a. intermedjarji minbarra intermedjarji ta' kreditu kif definiti fl-Artikolu 4(5) tad-Direttiva 2014/17/UE;
 - b. "rappreżentanti maħtura" kif definiti fl-Artikolu 4(8) tad-Direttiva 2014/17/UE.
 11. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jixtiequ li jikkunsidraw japplikaw dawn il-Linji Gwida fir-rigward ta' persuni li mhumiex konsumaturi kif definiti fil-paragrafu 17, bħal mhuma mikrointrapriżi u intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs).
 12. Fl-aħħar nett, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jixtiequ li jikkunsidraw l-estensjoni tar-rekwiżiti ta' remunerazzjoni stabbiliti f'dawn il-Linji Gwida anki għal remunerazzjoni (li jissejgħu wkoll "kummissjonijiet") imħallsa mill-istituzzjonijiet finanzjarji lill-intermedjarji ta' kreditu.
 13. Meta dawn il-Linji Gwida jindikaw riżultat, ir-riżultat jista' jinkiseb permezz ta' mezzi differenti. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jixtiequ li jivvalutaw l-adeqwatezza tal-mezzi użati minn istituzzjoni finanzjarja, filwaqt li jitqies il-mudell, id-daqs u l-kumplessità tan-negozju.
 14. L-implimentazzjoni ta' dawn il-Linji Gwida hija mingħajr preġudizzju għar-rekwiżit tal-istituzzjonijiet ta' kreditu biex tkun konformi mal-Linji Gwida tal-EBA dwar politiki ta' remunerazzjoni soda skont l-Artikoli 74(3) u 75(2) tad-Direttiva 2013/36/UE u l-iżvelar skont l-Artikolu 450 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.

Indirizzati

Destinatarji ta' dawn il-Linji gwida

15. Il-Linji Gwida huma indirizzati lil:

- a. awtoritajiet kompetenti kif definiti fl-Artikolu 4(2)(i) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 (l-awtorità tal-EBA). Fir-rigward tal-kredituri u l-intermedjarji ta' kreditu msemmija fid-definizzjoni ta' "Istituzzjonijiet" fil-paragrafu 17 li mhumiex istituzzjonijiet ta' kreditu, istituzzjonijiet ta' pagament jew istituzzjonijiet ta' flus elettroniċi kif imsemmija f'dik id-definizzjoni, il-Linji Gwida japplikaw sal-limitu li dawk l-awtoritajiet ġew nominati bħala kompetenti sabiex jiżguraw l-applikazzjoni u l-infurzar tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2014/17/UE li huma relatati magħhom dawn il-Linji Gwida; u
- b. istituzzjonijiet finanzjarji kif definiti fl-Artikolu 4(1) tar-Regolament (KE) Nru 1093/2010.

Destinatarji tar-rekwiżiti tal-informazzjoni

16. Irrispettivament minn jekk l-awtorità tal-EBA hiji indirizzata jew le taħt il-paragrafu 15, fejn Stat Membru jkun innomina aktar minn awtorità waħda skont l-Artikolu 5 tad-Direttiva 2014/17/UE u waħda minnhom mhijiex awtorità tal-EBA, l-awtorità tal-EBA nnominata skont dak l-Artikolu għandha, mingħajr preġudizzju għall-arranġamenti nazzjonali adottati skont l-Artikolu 5(3) tad-Direttiva 2014/17/UE:

- a) tinforma mingħajr dewmien lill-awtorità l-oħra nnominata dwar dawn il-Linji Gwida u d-data ta' applikazzjoni tagħhom;
- b) titlob bil-miktub lil dik l-awtorità sabiex tikkunsidra li tapplika dawn il-Linji Gwida;
- c) titlob bil-miktub lil dik l-awtorità biex tinforma lill-EBA jew inkella lill-awtorità tal-EBA fi żmien xahrejn min-notifika skont is-subparagrafu (a) jekk tkunx qed tapplika jew jekk għandhiex l-intenzjoni li tapplika dawn il-Linji Gwida; u
- d) fejn applikabbli, tibgħat mingħajr dewmien lill-EBA l-informazzjoni li tkun irċeviet skont is-subparagrafu (c).

Definizzjonijiet

17. Sakemm ma jiġix speċifikat mod ieħor, id-definizzjonijiet mogħtija fl-atti leġiżlattivi msemmija f'dan il-paragrafu, għandhom l-istess tifsira f'dawn il-Linji Gwida. Barra minn hekk, għall-finijiet ta' dawn il-Linji Gwida, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

Konsumatur	Persuna fiżika, li taġixxi għall-finijiet li jaqgħu barra mill-kummerċ, min-negozju jew mill-professjoni tagħha.
Istituzzjonijiet	<p>a) "Istituzzjonijiet ta' kreditu" kif definiti fl-Artikolu 4(1) tar-Regolament (KE) Nru 575/2013⁷;</p> <p>b) "Kredituri" kif definiti fl-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 2014/17/UE;</p> <p>c) "Intermedjarji tal-kreditu" kif definiti fl-Artikolu 4(5) tad-Direttiva 2014/17/UE;</p> <p>d) "Istituzzjonijiet ta' pagament" kif definiti fl-Artikolu 4(4) tad-Direttiva (UE) 2015/2366;</p> <p>e) "Istituzzjonijiet ta' flus elettroniċi" kif definiti fl-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 2009/110/KE.</p>
Prodotti u/jew servizzi bankarji	<p>a) "Intermedjarji tal-kreditu" kif definiti fl-Artikolu 4(3) tad-Direttiva 2014/17/UE;</p> <p>b) "depożiti" ⁸ kif definiti fl-Artikolu 2(3) tad-Direttiva 2014/49/UE⁹;</p> <p>c) "kontijiet ta' pagament" kif definiti fl-Artikolu 4(12) tad-Direttiva (UE) 2015/2366;</p> <p>d) "servizzi ta' pagament" kif definiti fl-Artikolu 4(3) tad-Direttiva (UE) 2015/2366;</p> <p>e) "strumenti ta' pagament" kif definiti fl-Artikolu 4(14) tad-Direttiva (UE) 2015/2366;</p> <p>f) mezzi oħra ta' pagament, kif imsemmija fl-Anness 1(5) tad-</p>

⁷ Ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investment u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 (ĠU L 176, 27.6.2013, p. 1).

⁸ Id-depożiti jinkludu kull forma ta' depożiti. Id-Direttiva 2014/65/UE dwar is-Swieq fl-Istrumenti Finanzjarji (MiFID2) estendiet, skont l-Artikolu 1(4) tagħha, ċerti regoli organizzazzjonali u regoli dwar it-tweqqif tan-negozju għas-subsett ta' depożiti msejja depożiti strutturati, kif definiti fil-punt (43) tal-Artikolu 4(1) tal-MiFID 2. Ir-regoli dwar ir-remunerazzjoni skont l-MiFID 2, inklużi l-atti delegati futuri li jistabbilixxu speċifikazzjonijiet ulterjuri fir-rigward tal-Artikolu 16(3) u l-Artikolu 24(10) tal-MiFID2, se japplikaw għad-depożiti strutturati u, għalhekk, dawn il-Linji Gwida ma japplikawx fir-rigward tagħhom.

⁹ Id-Direttiva 2014/49/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 dwar skemi ta' garanzija tad-depożiti (ĠU L 173, 12.6.2014, p. 149).

	Direttiva 2013/36/UE ¹⁰ ;
	g) “flus elettroniċi” kif definiti fl-Artikolu 2(2) tad-Direttiva 2009/110/KE; u
	h) forom oħra ta' kreditu, minbarra dawk fil-punt (a) t'hawn fuq, kif imsemmi fl-Anness 1(2) tad-Direttiva 2013/36/UE u f'konformità mal-Artikolu 1(5)(e) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.
Il-korp maniġerjali	Korp jew korpi ta' istituzzjoni ¹¹ , li jinħatru b'konformità mal-liġi nazzjonali, li għandhom is-setgħa biex jistabbilixxu l-istrateġija, l-oġettivi u d-direzzjoni ġenerali tal-istituzzjoni, u li jissorveljaw u jimmonitorjaw il-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet mill-maniġment, u jinkludu l-persuni li effettivament imexxu direttament in-negozju tal-istituzzjoni.
Persuni rilevanti	Kwalunkwe persuna fiżika li: a) taħdem għal istituzzjoni u toffri jew tipprovdi direttament prodotti bankarji jew servizzi lill-konsumaturi; jew b) taħdem għal istituzzjoni u timmaniġġja direttament jew indirettament persuna msemmija fil-punt (a).
Rimunerazzjoni	Il-forom kollha ta' remunerazzjoni fissa u varjabbli, inklużi pagamenti magħmula jew benefiċċji, fi flus jew mhux fi flus, mogħtija direttament minn jew f'isem l-istituzzjonijiet lill-persuni rilevanti. Benefiċċji mhux fi flus jistgħu jinkludu iżda mhumiex limitati għal, progress tal-karriera, assigurazzjoni tas-saħħa, skonti jew provvista ta' karozza jew telefown ċellulari, kontijiet ta' spejjeż ġenerużi jew seminars.

Outsourcing

18. F'każ li l-attività tal-istituzzjoni hija esternalizzata kollha kemm hi jew parti minnha lil partijiet terzi, jew titwettaq minn entità oħra f'modi oħrajn, l-istituzzjonijiet għandhom jiżguraw li, meta jagħmlu dan, jikkonformaw mar-rekwiżiti stabbiliti fil-Linji Gwida tal-KSBE dwar l-esternalizzazzjoni¹². Dan jinkludi, b'mod partikolari, il-linja gwida 2 tal-KSBE, li tistipula li “ir-responsabbiltà finali għall-ġestjoni tajba tar-riskji assoċjati mal-esternalizzazzjoni jew l-attivitajiet esternalizzati hija tal-maniġment superjuri tal-istituzzjoni li qed titlob l-esternalizzazzjoni.”

¹⁰ id-Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar l-aċċess għall-attività tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u s-superviżjoni prudenzjali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u tad-ditti tal-investment, li temenda d-Direttiva 2002/87/KE u li tħassar id-Direttivi 2006/48/KE u 2006/49/KE (ĠU L 176, 27.6.2013, p. 338).

¹¹ F'pajjiżi Ewropej jistgħu jiġu osservati strutturi tal-korpi maniġerjali differenti. F'ċerti pajjiżi hija komuni struttura unitarja, li fiha l-funzjonijiet superviżorji u maniġerjali tal-bord jiġu eżerċitati minn korp wieħed biss. F'pajjiżi oħrajn hija komuni struttura duwali, li fiha jiġu stabbiliti żewġ korpi indipendenti, wieħed għall-funzjoni maniġerjali u l-ieħor għas-superviżjoni tal-funzjoni maniġerjali.

¹² [KEBS, Linji Gwida dwar l-esternalizzazzjoni \(2006\)](#).

3. Implimentazzjoni

Data tal-applikazzjoni

19. Dawn il-Linji Gwida japplikaw mit-13 ta' Jannar 2018.

4. Linji Gwida dwar il-politiki u l-prattiki ta' remunerazzjoni

1. Tfassil

- 1.1. L-istituzzjonijiet għandhom ifasslu u jimplimentaw politiki u prattiki ta' remunerazzjoni li jqisu d-drittijiet u l-interessi tal-konsumaturi. B'mod partikolari, l-istituzzjonijiet għandhom jiżguraw li forom fi flus u/jew mhux fi flus ta' remunerazzjoni ma jintroduċux inċentivi li bihom il-persuni rilevanti jiffavorixxu l-interessi tagħhom stess, jew l-interessi tal-istituzzjoni għad-detriment tal-konsumaturi.
- 1.2. Meta jfasslu l-politiki u l-prattiki tar-remunerazzjoni, l-istituzzjonijiet għandhom jikkunsidraw jekk dawn il-politiki u l-prattiki jintroduċux kwalunkwe riskju ta' detriment għall-konsumaturi u għandhom inaqqsu tali riskji milli jirriżultaw.
- 1.3. Il-funzjoni tar-riżorsi umani tal-istituzzjonijiet għandha tipparteċipa u tinforma t-tfassil tal-politiki u l-prattiki ta' remunerazzjoni. Barra minn hekk, fejn huma stabbiliti l-funzjonijiet tal-immaniġġjar tar-riskju u ta' konformità, dawn għandhom jipprovdu kontribut effettiv għat-tfassil tal-politiki u l-prattiki ta' remunerazzjoni.
- 1.4. Għall-finijiet ta' evalwazzjoni tal-prestazzjoni ta' persuna rilevanti, l-istituzzjonijiet għandhom jiddefinixxu fil-politika u l-prattiki ta' remunerazzjoni, il-kriterji xierqa li għandhom jintużaw biex tiġi vvalutata l-prestazzjoni, filwaqt li jitqiesu d-drittijiet u l-interessi tal-konsumaturi.
- 1.5. Meta jfasslu l-politiki u l-prattiki tar-remunerazzjoni, l-istituzzjonijiet għandhom jikkunsidraw kemm il-kriterji kwalitattivi kif ukoll daww kwantitattivi għad-determinazzjoni tal-livell ta' remunerazzjoni varjabbli biex jiżguraw li d-drittijiet u l-interessi tal-konsumaturi huma kkunsidrati b'mod xieraq.
- 1.6. L-istituzzjonijiet ma għandhomx ifasslu politiki u prattiki ta' remunerazzjoni li:
 - a. jorbtu unikament ir-remunerazzjoni ma' mira kwantitattiva għall-offerta jew il-provvista ta' prodotti u servizzi bankarji; jew

- b. jippromwovu l-offerta jew il-provvista ta' prodott speċifiku jew kategorija ta' prodotti fuq prodotti oħra, bħall-prodotti li huma aktar profittabbli għall-istituzzjonijiet jew għal persuna rilevanti, għad-detriment tal-konsumatur.

- 1.7. Fejn il-politiki u l-prattiki ta' remunerazzjoni jippermettu remunerazzjoni varjabbli, l-istituzzjonijiet għandhom jiżguraw li l-proporzjon bejn il-komponenti fissi u varjabbli tar-remunerazzjoni huwa bbilanċjat b'mod xieraq u jqis id-drittijiet u l-interessi tal-konsumaturi. Barra minn hekk, il-politiki u l-prattiki ta' remunerazzjoni li huma fis-seħħ, għandhom jippermettu l-operat ta' politika flessibbli dwar ir-remunerazzjoni varjabbli, inkluż il-possibbiltà li ma titħallas l-ebda remunerazzjoni varjabbli fejn ikun xieraq.
- 1.8. L-istituzzjonijiet għandhom jevitaw politiki u prattiki kumplessi bla bżonn u kombinazzjonijiet mhux ċari ta' politiki u prattiki differenti.

2. Id-dokumentazzjoni, in-notifika u l-aċċessibbiltà

- 2.1. L-istituzzjonijiet għandhom jiddokumentaw politiki u prattiki ta' remunerazzjoni u jżommuhom għal skopijiet ta' verifika għal mill-inqas tliet snin mill-aħħar data li applikaw u jagħmluhom disponibbli għall-awtoritajiet kompetenti fuq talba. Din id-dokumentazzjoni għandha tinkludi, iżda mhijiex limitata għal:
 - a) l-oġġettivi tal-politiki u l-prattiki tar-remunerazzjoni tal-istituzzjonijiet;
 - b) il-persuni rilevanti li jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni ta' dawn il-politiki u l-prattiki;
 - c) kif il-politiki ta' remunerazzjoni ġew implimentati fil-prattika, inkluż b'mod partikolari l-kriterji għall-remunerazzjoni varjabbli fejn tingħata r-remunerazzjoni varjabbli.
- 2.2. Qabel ma jitħallew joffru prodotti jew servizzi bankarji lill-konsumaturi, il-persuni rilevanti għandhom ikunu infurmati b'mod ċar, b'mod sempliċi u trasparenti dwar il-politiki u l-prattiki ta' remunerazzjoni li huma applikabbli għalihom.
- 2.3. Il-politiki u l-prattiki ta' remunerazzjoni għandhom ikunu aċċessibbli b'mod faċli għall-persuni rilevanti kollha tal-istituzzjoni.

3. Approvazzjoni

- 3.1. Il-korp maniġerjali japprova u jżomm ir-responsabbiltà aħħarija għall-politiki u l-prattiki ta' remunerazzjoni tal-istituzzjoni.
- 3.2. Il-korp maniġerjali għandu jfittex parir mill-kumitat tar-remunerazzjoni fejn stabbilit dwar il-politiki u l-prattiki tar-remunerazzjoni tal-istituzzjoni fir-rigward tal-issodisfar ta' dawn il-Linji Gwida.

- 3.3. Fejn stabbilita, il-funzjoni ta' konformità għandha tikkonferma li l-politiki u l-prattiki ta' remunerazzjoni huma konformi ma' dawn il-Linji Gwida.
- 3.4. Il-bidliet għall-politiki u l-prattiki ta' remunerazzjoni għandhom isiru biss bl-approvazzjoni tal-korp maniġerjali.

4. Monitoraġġ

- 4.1 L-istituzzjonijiet għandhom jirrevedu, mill-inqas darba f'sena, il-politiki u l-prattiki ta' remunerazzjoni tagħhom biex jiżguraw konformità ma' dawn il-Linji Gwida. B'mod partikolari, fejn istituzzjoni tidentifika li riskju residwu ta' detriment tal-konsumaturi jista' jinqala' bħala riżultat tat-tfassil tal-politiki u l-prattiki ta' remunerazzjoni kif imsemmija fil-paragrafu 1.2 ta' dawn il-Linji Gwida, l-istituzzjoni għandha tevalwa skont ir-reviżjoni jekk xi wieħed minn dawn ir-riskji residwi huwiex jikkristalizza u jikkawża detriment għall-konsumaturi.
- 4.2 Fejn ir-reviżjoni tiżvela li l-politiki u l-prattiki tar-remunerazzjoni ta' istituzzjoni ma jaħdmux kif maħsub jew stipulat, l-istituzzjoni għandha temenda l-politiki u l-prattiki tar-remunerazzjoni tagħha skont dawn il-Linji Gwida.
- 4.3 L-istituzzjonijiet għandhom jistabbilixxu kontrolli effettivi biex jivverifikaw li l-politiki u l-prattiki ta' remunerazzjoni tagħhom qegħdin jiġu osservati u biex jidentifikaw u jindirizzaw inċidenti ta' nuqqas ta' konformità ma' dawn il-Linji Gwida.